SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

### LAQGĦA NUMRU 3109

Ilum It-Tlieta, 25 ta' Awissu 2009

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fil-5.30pm.

### PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

### ASSENTI

Ħadd

### TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

### 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3009 li saret nhar il-Ħamis, 30 ta' Lulju 2009 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Manutenzjoni ta' Tabelli tal-Lokalita'*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għal minuta numru 9.4 tal-laqgħa preċedenti dwar il-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku. Hija qalet li t-tabelli li hemm fl-entraturi ta' Santa Luċija ukoll għandhom bżonn il-manutenzjoni. Is-Sindku qal li diġa ġew ordnati dawn is-sinjali li ser jiġu sponsorjati minn Atlas Insurance. Huwa qal li fuq kull tabella ser isir ritratt ta' proġett li hemm l-aktar viċin. Il-Kunsill qabel li fuq dawn it-tabelli jsir ritratt tal-Girna, tal-Pjazza u l-Knisja, tal-*Picnic Area* u tal-*Jogging Track*.

### 1.1.2 *Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout*

Il-Kunsillier Joe Bonello staqsa jekk is-Supretendent Zammit ġiex infurmat bid-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill *Roundabout*. Il-Kunsill reġa' ddiskuta din il-problema u qabel li jipproponi li jsiru *lights* biex ikun hemm *slot* ta' 30 sekonda biex il-vetturi jkunu jistgħu joħorġu minn Santa Luċija.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-30 ta' Lulju 2009 u l-25 ta' Awissu 2009 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1055/09/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Devoluzzjoni ta' sit fi Triq Inez Soler – *Site* B
- 1056/09/O – Kurja ta' l-Arċisqof – Kunċert tal-Milied f'Santa Luċija
- 1057/09/O – Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura – manutenzjoni tal-Ġibjun f'Wied Garnaw

**2.2.2** ***Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 1024/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 46/2009 – Ftuħ ta'l-Uffiċċju tal-Kunsill nhar ta' Sibt.
- 1052/09/I – Atlas Insurance – Minuti tal-laqgħa
- 1038/09/I – Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' – *Access Audit*
- 1098/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Devoluzzjoni fi Triq Inez Soler
- 1076/09/I – EACEA – *Reinbursment Europe for Citizens Programme*
- 1079/09/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 48/2009: Fondi Speċjali
- 1081/09/I – Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu – Ġimgħa tal-Bnadar
- 1159/09/I – Nexos Street Lighting – Estenzjoni tal-Kuntratt

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- **Pjanti tal-Proġett tal-Masġar bl-isem Karl Chircop *Memorial Grove***
- **Rapport Finanzjarju li jkopri l-perjodu mill-1 ta' April 2009 sat-30 ta' Ġunju 2009.**
- **Memo SLLC 16/2009 – Memo 47/2009 – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf – Stqarrija għall-Istampa – Problema tan-Nugrufun**
- **Memo SLLC 17/2009 – Is-sitwazzjoni tas-SHDJC – Kuntratt: Street Lighting – Avviż ta' safar**

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1024/09/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-istaff tal-Kunsill qabel li jidħol jaħdem ukoll fil-ġurnata tas-Sibt skond il-bżonn.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1052/09/I is-Sindku semma l-punti prinċipali li ħarġu waqt laqgħa li saret ma' Atlas Insurance u nforma li l-*gate* ta' Ġnien is-Serenita' ser tkun lesta fi ftit tal-ġranet oħra. Huwa qal ukoll li għaddejjin arranġamenti ma' kumpanija Ingliża dwar ix-xiri ta' *uv filtering system* għal vaska l-kbira tal-ġnien.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1038/09/I il-Kunsill iddiskuta rapport li tħejja mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' dwar l-aċċessibilita' eżistenti fiz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali u fi Pjazza 7 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel li ssir stima ta' xogħol involut fir-rakkomandazzjoni li qed tagħmel il-KNDP u tintbagħt ittra lid-Dipartiment tal-Bini, Kostruzzjoni u Manutenzjoni li kienu responsabbli mix-xogħol involut fil-proġett ta' Pjazza 7 ta' Lulju.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1098/09/I is-Sindku qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien kiteb lid-Diviżjoni tal-Propjeta tal-Gvern dwar l-*area* devoluta lil Kunsill fi Triq Inez Soler Sit B. Fl-ittra tiegħu d-Dipartiment talab, għan-nom tal-Kunsill, biex issir modifika fil-pjanta ta' dan is-sit.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1076/09/I is-Sindku nforma li l-Kunsill kien irċieva l-fondi dovuti lilu fir-rigward tal-konferenza li ġiet organizzata f'Santa Luċija taħt il-programm '*Europe for Citizens*'.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1079/09/I is-Sindku tkellem dwar il-fondi speċjali għal Kunsilli Lokali fuq proġetti jew inizjattivi fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li japplika għal dawn il-fondi biex ikun jista' jwettaq il-proġett tal-Masġar f'Dawret it-Torri.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1081/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-inizjattiva li qed tittieħed mis-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu biex tibda tiġi organizzata l-Ġimgħa tal-Bnadar. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-attivita' li ser issir bejn it-8 u l-15 ta' Settembru 2009.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1159/09/I is-Sindku nforma l-Kunsill bis-sitwazzjoni preżenti tas-S.H.D.J.C. u dwar il-kuntratt għal manutenzjoni tad-dwal tat-toroq li issa kien skada. Huwa qal li l-kuntrattur preżenti Nexos Street Lighting offra li jkompli jagħti s-servizz bl-istess rati u kundizzjonijiet sa t-3 ta' Ottubru 2009. Il-Kunsill qabel li jilqa' din il-proposta biex is-servizz ma jieqafx. Il-Kunsill qabel ukoll li joħroġ sejħa għall-offerti għal dan il-kuntratt.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf*

Is-Sindku nforma l-Kunsill b'dawn l-attivitajiet li għaddejin bħalissa b'konnesjoni ma' l-inizjattiva hawn fuq imsemmija. Huwa qal li bħalissa għaddejja ħidma ta' tindif intensiv mal-lokalita' kollha. Dwar il-ftehim li ntlaħaq mal-Green MT is-Sindku qal li diġa ġew installati l-*bins* fi Triq l-Istefanotis kantuniera ma' Triq Katerina Vitale u fi Triq Ġuljetta Lopez. Il-Kunsill iddiskuta fejn ser ikun it-tielet sit li fih jitpoġġew dawn il-*bins*. Filfatt ġie deċiż li jitpoġġew *bins* fi Triq il-Ġibjun kantuniera ma' Triq il-Klematis u jekk hu possibli jsir sit ieħor quddiem *Flats* Indipendenza qabel tinżel għal wied. Is-Sindku qal ukoll li kien ser jitlob lil Green MT biex ipoġġu sett *bins* fil-*premises* ta' l-Iskola.

Il-Kunsill qabel ukoll dwar dawn l-attivitajiet li ġejjin:

- Skema indirizzata lejn tfal ta' bejn is-sitta u t-tnax-il sena fejn għal kull 30 flixkun tal-plastik li jiġbru jingħataw ktieb.
- Issir manutenzjoni tal-*paper bins* madwar Santa Luċija u ser jiġu nstallati oħrajn fejn hemm il-bżonn.
- Ser jiġu nstallati *doggie bins* tul il-*Promenade* fi Triq il-Prinjoli u Dawret it-Torri.
- Għandha ssir pressjoni fuq l-awtoritajiet ikkonċernati biex jiġi mnaddaf il-ġibjun f'Wied Garnaw.
- Għandu jintalab is-servizz ta' *green wardens* biex tiġi ndirizzata l-problema ta' min qed jabbuża u ma joħroġx l-iskart fil-ħin stipulat mill-Kunsill.

### 4.2 Ġnien is-Serenita'

Is-Sindku nforma l-Kunsill li x-xogħol fuq tindif intensiv tal-vaska l-kbira u l-vaska ż-żgħira fi Ġnien is-Serenita' issa kien lest. Huwa qal li l-ispiża nvoluta ser tiġi koperta minn Atlas Insurance li huma l-*main sponsors* ta' dan il-Ġnien. Huwa preżenta kwotazzjoni ta' €1180 biex jinxtraw numru ta' *koi fish* biex jintefgħu fil-vaska l-kbira. Il-Kunsill approva din l-ispiża.

### 4.3 Suġġerimenti mill-Kunsilliera

- Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-*parking bays* li saru f'Post il-Gladjoli u qal li hemm bżonn li jsiru xi modifiki. Huwa qal ukoll li hemm bżonn li ssir tabella biex il-vetturi jiġu pparkjati jħarsu lejn il-bini minħabba l-problema ta'l-*exhaust*. Huwa qal ukoll

li hemm bżonn isiru *parking bays* fi Triq l-Istefanotis. Għandu jiġi nfurmat il-Kuntrattur dwar dan ix-xogħol.

- Il-Kunsilliera Caroline Galea ikkummentat pożittivament dwar is-sinjali u l-marki tat-toroq li saru f'Post il-Gladjoli u rrimarkat li hemm bżonn li ssir manutenzjoni u tindif taċ-ċanet li hemm f'din l-*area*.

- Il-Kunsilliera Galea semmiet ukoll ir-*rubber hump* li hemm fi Triq il-Peprin u staqsiet jekk din tistgħax tersaq peress li l-ħoss li jagħmlu l-vetturi qed ikun ta' nkonvenjent għal resident bi bżonnijiet speċjali li joqgħod fil-viċin. Is-Sindku qal li dik ir-*rubber hump* saret bħala *safety measure*. Huwa qal li f'din il-parti tat-triq hemm il-problema ta' *overspeeding* u għandu jikteb resident ieħor dwar dan.

## 4.4 Suġġerimenti minn residenti

- Residenta minn Post il-Gladjoli filwaqt li tat prosit lil Kunsill ta' l-organizzazjoni tal-*parking bays* f'Post il-Gladjoli talbet li jsir bank u *paper basket* ħdejn il-berġa. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

- Resident minn Triq iż-Żnuber talab li jsir kanal biex ma jżommx ilma fuq il-bankina. Is-Sindku għandu jmur jara x' jista' jsir.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 2709 sa numru BOV2760 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Lulju (CM31(01) u CM31(02)).

Lista ta' *Schedule of Payments* ingħatat lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti Numru 3009.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Lulju 2009 Ammont *Gross* €4,438.20

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Talbiet dwar Kumpens (Expense Claims)*

| | | |
|---|---|---|
| Joe Balzan (Viċi Sindku) | (Użu ta' mob.pers.-Lulju 09) | €37.20 |
| Joe Bonello (Kunsillier) | (ASDL 16/07/09-15/10/09) | €96.78 |
| Joe Bonello (Kunsillier) | (Użu ta' mob.pers.-Lulju 09) | €32.00 |

### 5.4 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Ref: | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM-Sindku Awissu 09 | 124.94 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM-ES Awissu 09 | 60.63 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Awissu 09 | 73.85 |
| Koptasin | Signs/Mkgs | *Jobsheet* 7969 | 80.32 |
| Koptasin | Signs/Mkgs | *Jobsheet* 8995 | 141.36 |
| Cleansing Service Dept. | PC57 | Serv. Lulju 09 | 507.73 |
| Cleansing Service Dept. | PC57 | Ext. Serv. Lulju 09 | 97.00 |
| Ronald Bezzina | SS57/09/01 | Serv. Lulju 09 | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | SS57/09/01 | Ext. Serv. Lulju 09 | 140.00 |
| Ronald Bezzina | SLLC(Q/09/01) | Serv. Lulju 09 | 2556.49 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv. Lulju 09 | 2061.50 |

## 6. RAPPORT FINANZJARJU GĦAL PERJODU BEJN L-1 TA' APRIL 2009 U T-30 TA' ĠUNJU 2009

Is-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill ippreżentat rapport finanzjarju għal perjodu hawn fuq imsemmi. L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Patrick Caruana ta spjegazzjoni tad-dħul u l-ħruġ ta' l-ewwel tlett xhur tas-sena finanzjarja.

## 7. PROĠETT – MASĠAR KARL CHIRCOP

Is-Sindku ppreżenta pjanta tal-proġett tal-Masġar Karl Chircop. Is-Sindku qal li hemm kumpanija farmaċewtika li nteressata li tisponsorja l-i*street furniture* ta' dan il-proġett. Huwa qal ukoll li l-Perit ġie nkarigat iħejji stima ta' dan il-proġett biex il-Kunsill ikun jista' japplika għal fondi speċjali li ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill iddiskuta u approva dan il-proġett.

## 8. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.45 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru 2009 fis-6.00 p.m.

Kunsill Lokali Santa Lucija Segretarju Eżekuttiv

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IL-ĠIMGĦA,
25 **ta'** SETTEMBRU**, 2009**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**